

Brussell, 2 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

9685/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0013 (COD)

---

---

TELECOM 266  
CYBER 250  
COMPET 624  
MI 527  
FIN 741  
ESPACE 85  
CODEC 1000  
IA 136

## NOTA

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-networks diġitali, li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120, id-Direttiva 2002/58/KE u d-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1971, id-Direttiva (UE) 2018/1972 u d-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE (l-Att dwar in-Networks Diġitali) - Rapport ta' progress

---

## I. INTRODUEZZJONI

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament dwar in-networks diġitali, li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120, id-Direttiva 2002/58/KE u d-Deċiżjoni 676/2002/KE u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1971, id-Direttiva (UE) 2018/1972 u d-Deċiżjoni 243/2012/UE (l-Att dwar in-Networks Diġitali), fil-21 ta' Jannar 2026<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Dokument 5600/26 +ADD1.

2. Il-proposta tal-Att dwar in-Networks Diġitali (DNA), ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, għandha l-għan li tappoġġa l-oġġettivi tat-trasformazzjoni diġitali u tal-konnettività tal-Unjoni billi tissimplifika u tarmonizza aktar il-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika permezz ta' Regolament uniku. Hija tfittex li trawwem infrastruttura tan-network diġitali robusta, rapida, sigura u reżiljenti, tappoġġa suq intern aktar integrat għall-komunikazzjoni elettronika, u tirrifletti l-konverġenza dejjem akbar bejn it-teknoloġija tat-telekomunikazzjoni, dik satellitari, dik tal-cloud u dik tal-edge, filwaqt li żżomm il-kamp ta' applikazzjoni ewlieni tal-qafas tal-komunikazzjoni elettronika. Il-proposta tkopri, fost l-oħrajn, ir-reġim ta' awtorizzazzjoni ġenerali u l-Passaport Uniku propost, l-ispettru tar-radju u r-riżorsi ta' numerazzjoni, it-tranżizzjoni għall-fibra u r-regolamentazzjoni tal-aċċess, ir-reżiljenza u t-tnejjija, is-servizz universali, l-aċċess miftuħ għall-internet, id-drittijiet tal-utent finali, il-governanza, ir-rapportar, il-konformità u d-dispożizzjonijiet finali. Għandha wkoll l-għan li tiffaċilita l-investiment f'infrastrutturi diġitali avvanzati, issaħħaħ il-kompetittività, tippromwovi d-disponibbiltà u l-użu ta' networks tal-gigabits, u tiżgura servizzi ta' komunikazzjoni elettronika għall-utenti finali li huma ta' kwalità għolja, affordabbli u disponibbli għall-pubbliku filwaqt li tippromwovi l-interessi taċ-ċittadini u l-protezzjoni tal-konsumatur.
3. Il-pjan direzzjonali "Ewropa Waħda, Suq Wieħed", iffirmat mill-President tar-Repubblika ta' Ċipru, li jirrappreżenta l-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea fil-marġini tal-laqgħa informali tal-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern li saret f'Ċipru fl-24 ta' April 2026, jinkludi din il-proposta fost ir-riżultati tanġibbli ta' prijorità.
4. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) ġie nnominat bħala l-kumitat responsabbli għan-negozjati dwar l-Att dwar in-Networks Diġitali, bl-MEP Michał Kobosko (Renew, il-Polonja) bħala Rapporteur. Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) huma assoċjati.

5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni huma mistennija jadottaw l-opinjoni tagħhom fis-17 ta' Ġunju 2026 u fit-13 ta' Ottubru 2026, rispettivament.
6. Fit-18 ta' Marzu 2026, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ħareġ opinjoni dwar il-proposta<sup>2</sup>.

## II. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

7. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta DNA twettaq fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Informazzjoni (Grupp ta' Ħidma TELECOM). Fid-29 ta' Jannar u matul Frar 2026 (3, 5 u 26 ta' Frar), il-Kummissjoni ppreżentat l-elementi ewlenin tal-proposta, flimkien mas-sejbiet tar-rieżami tagħha tal-qafas attwali, il-valutazzjoni tal-impatt u r-rapport ta' evalwazzjoni. Il-preżentazzjonijiet koprew, b'mod partikolari, it-tranżizzjoni għall-fibra, il-kwalità tan-networks bla fili, is-servizzi satellitari pan-Ewropej, ir-reġim ta' awtorizzazzjoni ġenerali u l-Passaport Uniku propost, l-obbligi ta' rapportar, l-ispettru tar-radju u r-riżorsi ta' numerazzjoni, il-miżuri ta' reżiljenza u tnejnija, u l-istruttura ta' governanza aġġornata, inkluż ir-rwoli tal-BEREC, il-Korp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju u l-Uffiċċju għan-Networks Diġitali. Id-delegazzjonijiet appoġġaw b'mod wiesa' l-oġġettivi ġenerali tal-proposta u laqgħu l-preservazzjoni tal-elementi ewlenin tal-qafas attwali, bħall-prinċipji tal-internet miftuħ, filwaqt li enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi vvalutat bir-reqqa l-bilanċ bejn aktar armonizzazzjoni u l-ispeċifità nazzjonali, kif ukoll l-effetti prattiċi tal-proposta fuq l-awtoritajiet, l-operaturi u l-utenti finali. Id-delegazzjonijiet fittxew ukoll aktar kjarifiki dwar il-proporzjonalità tal-miżuri proposti, il-kompetenzi tal-Istati Membri, il-kostijiet tal-implimentazzjoni, ir-rwol tal-leġiżlazzjoni sekondarja, l-interazzjoni mal-istrumenti eżistenti tal-Unjoni, u l-kontribut mistenni ta' ċerti miżuri għall-kompetittività tal-UE, b'mod partikolari fejn qiesu li dawn il-miżuri jistgħu jillimitaw il-flessibbiltà nazzjonali.

---

<sup>2</sup> Opinjoni [08/2026](#) tal-EDPS.

8. Minħabba d-daqs u l-kumplessità tar-Regolament propost, u l-fatt li t-traduzzjonijiet fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE kienu disponibbli biss mis-17 ta' April, il-Presidenza Ċiprijotta wieġbet b'mod pożittiv għat-talba tal-Istati Membri għal workshops tekniċi ddedikati. Minbarra d-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM, f'Marzu (4, 11, 18 u 25) saru erba' sessjonijiet ta' ħidma online dwar id-diżattivazzjoni tar-ram u l-aċċess għalih, l-awtorizzazzjoni tal-ispettru u tas-satellita, l-awtorizzazzjoni ġenerali, il-Passaport Uniku u n-numerazzjoni, u l-governanza. Dawn is-sessjonijiet ta' ħidma ppermettew lid-delegazzjonijiet, inkluż esperti bbażati fuq il-kapital, iqajmu mistoqsijiet speċifiċi u jfittxu aktar kjarifiki direttament mill-Kummissjoni.
9. L-eżami artikolu b'artikolu beda fil-5 ta' Marzu 2026, meta l-Grupp ta' Ħidma TELECOM eżamina l-Parti I, dwar il-kamp ta' applikazzjoni, l-oġettivi u d-definizzjonijiet, flimkien mal-Parti II, dwar ir-reżiljenza. Id-delegazzjonijiet irrikonoxxew b'mod wiesa' r-rilevanza tat-tisħiħ tar-reżiljenza u t-tnejja tan-networks u s-servizzi diġitali, filwaqt li talbu kjarifiki dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi, it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali jew sensitiva, ir-relazzjoni mal-NIS2, id-Direttiva CER u oqfsa rilevanti oħra, ir-rwoli rispettivi tal-Kummissjoni, il-BEREC, il-Korp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju, l-Uffiċċju għan-Networks Diġitali u l-awtoritajiet nazzjonali, u l-ħtieġa li jiġu rispettati r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri foqsa bħas-sigurtà nazzjonali, id-difiża u l-ġestjoni tal-kriżijiet.
10. Fit-12 ta' Marzu 2026, il-Grupp ta' Ħidma TELECOM eżamina l-Parti VI tal-Att dwar in-Networks Diġitali, b'enfasi fuq it-Titolu I, dwar l-obbligi ta' servizz universali, u t-Titolu II, dwar l-aċċess miftuħ għall-internet. Id-delegazzjonijiet appoġġaw b'mod ġenerali ż-żamma tax-xibka ta' sikurezza tas-servizz universali attwali, filwaqt li qajmu wkoll mistoqsijiet dwar id-dipendenza proposta fuq l-atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għal metodoloġiji ta' affordabbiltà u regoli dwar internet miftuħ, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt possibbli fuq il-flessibbiltà nazzjonali. Dwar l-aċċess għal internet miftuħ, id-delegazzjonijiet laqgħu l-preservazzjoni tal-prinċipji ewlenin tan-newtralità tan-net.
11. Fis-26 ta' Marzu, is-16 ta' April u t-23 ta' April 2026, il-Grupp ta' Ħidma TELECOM eżamina l-Parti VI, it-Titolu III, tal-Att dwar in-Networks Diġitali, b'enfasi fuq id-drittijiet tal-utent finali. Id-delegazzjonijiet issottolinjaw l-importanza li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur madwar l-Unjoni. Filwaqt li laqgħu l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tissimplifika l-qafas, id-delegazzjonijiet qajmu mistoqsijiet u fittxew kjarifika dwar kif l-aħjar tiġi bbilanċjata l-armonizzazzjoni massima proposta mal-flessibbiltà meħtieġa biex jiġu ppreservati salvagwardji nazzjonali ppruvati u ta' kwalità għolja.

12. Fis-7 ta' Mejju 2026, il-Grupp ta' Ħidma TELECOM iddiskuta l-Parti VIII, dwar id-dispożizzjonijiet ġenerali u finali. Filwaqt li laqgħu l-objettiv tas-simplifikazzjoni, xi delegazzjonijiet esprimew dubji wkoll dwar id-dipendenza tal-proposta fuq atti ta' implimentazzjoni u linji gwida tal-BEREC, filwaqt li nnotaw li dan jista' jaffettwa l-prevedibbiltà legali u joħloq riskji ta' oqfsa regolatorji paralleli. Xi delegazzjonijiet qajmu wkoll dubji dwar il-valur miżjud tal-mekkaniżmu ta' konċiljazzjoni volontarja li għadu kif għie propost għall-kooperazzjoni tal-ekosistema, filwaqt li oħrajn qajmu tħassib prattiku dwar il-possibbiltà ta' trikkib mal-obbligi nazzjonali eżistenti tal-ġbir tad-data.
13. Fil-21 ta' Mejju 2026, il-Grupp ta' Ħidma TELECOM eżamina l-Parti III, dwar l-awtorizzazzjoni ġenerali u l-Passaport Uniku propost, kif ukoll il-Parti IV, it-Titolu III, dwar ir-riżorsi ta' numerazzjoni. Id-delegazzjonijiet irrikonoxxew b'mod ġenerali l-objettiv tas-simplifikazzjoni tal-operazzjonijiet transfruntieri u t-tnaqqs tal-piżijiet amministrattivi, filwaqt li qajmu mistoqsijiet dwar it-tfassil u l-operat prattiku tar-reġim propost tal-Passaport Uniku. It-tħassib iffoka fuq ir-riskju ta' kumplessità amministrattiva addizzjonali, inċertezza legali, għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni regolatorja possibbli, u l-allokkazzjoni tar-responsabbiltajiet superviżorji u ta' infurzar bejn l-Istati Membri. Dwar ir-riżorsi ta' numerazzjoni, id-delegazzjonijiet iddiskutew l-elementi proposti fil-livell tal-Unjoni, inkluż l-ippjanar strateġiku, pjan possibbli ta' numerazzjoni tal-Unjoni u riżorsi ta' numerazzjoni pan-Ewropej. Diversi delegazzjonijiet esprimew dubji dwar il-valur miżjud ta' dawn l-elementi, filwaqt li enfasizzaw l-importanza li tiġi evitata ċentralizzazzjoni bla bżonn u li jiġi ppreservat il-bilanċ eżistenti tal-kompetenzi nazzjonali.
14. Matul id-diskussjonijiet, id-delegazzjonijiet irrikonoxxew l-importanza ta' konnettività sigura, reżiljenti u ta' kapaċità għolja għall-kompetittività u t-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni. Wara d-disponibbiltà tat-traduzzjonijiet uffiċjali fil-lingwi kollha tal-Unjoni, u filwaqt li kompliet l-eżami tat-test, il-Presidenza stiednet lid-delegazzjonijiet fis-27 ta' April 2026 biex jipprovdu kummenti inizjali bil-miktub u suġġerimenti ta' abbozzar dwar il-partijiet tal-proposta diġà eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma TELECOM.

15. Il-Presidenza Ċiprijotta ddedikat żmien sinifikanti għall-eżami artikolu b'artikolu, li, flimkien mal-impenn tal-Kummissjoni u l-parteċipazzjoni attiva tad-delegazzjonijiet, ippermetta l-ewwel analiżi sostantiva tal-partijiet ewlenin tat-test u għen biex jiġu identifikati l-kwistjonijiet ewlenin li jeħtieġu aktar ħidma. Il-Grupp ta' Ħidma TELECOM ser ikompli l-ħidma tiegħu fuq il-proposta bil-ħsieb li jitlesta l-ewwel qari tat-test sħiħ.

### **III. KONKLUŻJONI**

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kunsill huwa mistieden jieħu nota tal-progress li sar fl-eżami tal-proposta.